# LUX FILM PRIZE

FILMS MILL-EWROPA
MIĠJUBA LILL-EWROPEJ

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

Ewropa Kreattiva MEDIA

Parlament Ewropew

@luxprize

#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

ISBN 978-92-846-5305-8
doi:10.2861/426654

© l-Unjoni Ewropea, 2019

Manuskritt ikkompletat f'Lulju 2019
Ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew
Jekk tinduna b'xi żbalji jew omissjonijiet, għarrafna billi tibgħat email lil *luxprize@ep.europa.eu*

# L-ISTEJJER TAGĦNA MDAWLA BL-EMOZZJONI TAĊ-ĊINEMA

Iċ-ċinema hija waħda mill-iktar forom kulturali qawwija li għandna. Iċ-ċinema tnissel fina memorji ta' persuni, postijiet, ġrajjiet u ġrajjiet f'ħajjitna. Tqanqalna u tnebbaħna, waqt li tarrikkixxi u tinkoraġġixxi d-dibattitu. Hija wkoll għajn ta' emozzjoni li tippermettilna nirriflettu fuqna nfusna u fuq l-identitajiet tagħna.

Il-biċċa l-kbira tal-films Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż ta' produzzjoni tagħhom u rarament jiġu distribwiti f'pajjiżi oħra. Dan il-fatt huwa saħansitra iktar impressjonanti meta nqisu li iktar minn 60 % tal-films kollha li jinħarġu fl-UE huma Ewropej, iżda dawn jirrappreżentaw terz biss tal-udjenza taċ-ċinema.

Il-Parlament Ewropew ħoloq il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX bil-għan li jsaħħaħ id-distribuzzjoni ta' films Ewropej ta' kwalità għolja u biex jistimula d-dibattitu Ewropew.

Id-distribuzzjoni tal-films LUX fl-Ewropa saret iktar faċli bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew fis-sottotitolar tat-tliet films tal-Kompetizzjoni Uffiċjali bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Dan jgħin biex tiġi prodotta kopja nazzjonali tal-films finalisti għal kull pajjiż. B'hekk il-films jaslu għand udjenza ikbar, u jiżdiedu l-opportunitajiet ta' suċċess tagħhom.

Fi żmien meta qed jinħolqu fruntieri ġodda fl-Ewropa, il-pajjiżi qed jibnu ħitan, is-soċjetà kulma jmur qed issir iktar diviża, u l-perspettivi qed jidjiequ, iċ-ċinema, bħala mezz kulturali tal-massa, tista' titqies bħala opportunità biex nifhmu lil xulxin aħjar, biex naqsmu dawn il-fruntieri, u fuq kollox, ħalli naqsmu ma' xulxin l-esperjenzi tagħna. F'mument meta l-valuri Ewropej qed jiġu kkontestati, iċ-ċinema tisfidana billi tfakkarna fl-umanità u fil-valuri komuni tagħna.

Il-kultura u ċ-ċinema għandhom jitqiesu bħala l-imfietaħ li jiftħu d-djalogu bejn il-komunitajiet. Huma għodod ideali biex nindirizzaw l-isterjotipi u l-preġudizzji, nipromwovu d-djalogu interkulturali u nirrispondu għall-isfidi edukattivi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom is-soċjetajiet tagħna.

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX kontinwament jesplora modi ġodda kif naqbżu l-fruntieri u negħlbu l-ostakli. Billi jibni pontijiet mibnija bis-sentimenti mqanqla mill-films, il-premju għandu l-għan li jnebbaħ sens ta' sisien komuni, li jegħlbu d-diversità tal-wiċċ u jsawru fil-fond l-identità Ewropea tagħna.

Matul dawn l-aħħar 12-il sena, il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX ħoloq komunità li għandha bażi waħda komuni: pjattaforma għall-iżvilupp u l-evoluzzjoni ta' opinjonijiet u perspettivi differenti. Il-films mitfugħa taħt il-lenti permezz tal-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX iqanqlu l-kurżità tagħna u jgħinuna nagħrfu aktar x'differenzi u x'xebh hemm bejnietna. F'dan il-kuntest, inħossuna kburin bil-LUX Film Days u bil-wirjiet tal-films u bid-dibattiti li organizzajna f'dawn l-aħħar snin dwar l-iktar temi pertinenti, bil-parteċipazzjoni tal-udjenzi, tad-diretturi ċinematografiċi u tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Il-kultura għandha tibqa' pilastru ta' rispett u fehim reċiproku f'Ewropa miftuħa, u ċ-ċinema għandha tkun il-*lingua franca* tagħha.

# IL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX, stabbilit fl-2007, jingħata kull sena mill-Parlament Ewropew.

Il-**Parlament Ewropew,** kif iddikjarat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[1], huwa impenjat b'mod attiv favur il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika. Barra minn hekk, is-setgħat leġiżlattivi tiegħu jagħmluh attur kruċjali fit-tiswir tal-politiki tal-UE, li ta' kuljum jaffettwaw il-ħajja ta' 500 miljun Ewropew. Il-mandat tiegħu jkopri kwistjonijiet ewlenin bħalma huma l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni, il-faqar, il-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tan-nisa.

Fuq dan l-isfond, il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX għandu **żewġ objettivi ewlenin**: li jtejjeb iċ-ċirkolazzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa kollha, u li jqajjem dibattitu u diskussjoni fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX jippromwovi d-distribuzzjoni tat-tliet films finalisti billi joffri sottotitolar bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u billi jipproduċi pakkett ċinematografiku diġitali (DCP) għal kull pajjiż. Ta lok ukoll għal-LUX FILM DAYS, li joffru esperjenza kulturali li ma tistax tintesa.

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX tal-Parlament Ewropew se jibqa' jiffoka fuq stejjer u films li jmorru lil hinn mis-sempliċi divertiment. Dawn huma films li jixhdu t-tfittxija tagħna għat-tweġibiet u għall-identità, kif ukoll għall bżonn ta' wens fi żminijiet diffiċli. Dawn il-films jagħmluna konxji mir-realtajiet tagħna u tal-oħrajn.

(1) Preambolu tal-Karta: "[…] li tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli tal-Ewropa kif ukoll tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri [...]"

## IL-PARLAMENT EWROPEW JINGĦAQAD MAL-INDUSTRIJA ĊINEMATOGRAFIKA EWROPEA…

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX issieħeb ma' bosta festivals taċ-ċinema fl-Ewropa, fosthom il-Berlinale, id-Directors' Fortnight (Cannes), Karlovy Vary, il-Giornate degli Autori, Sofija, Stokkolma, Tessalonika, il-Viennale, it-Tallinn Black Nights, Cork, Bratislava u Sivilja.

## …U JINVOLVI LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Iċ-ċinema tgħinna nifhmu ħajjet il-ġirien tagħna. Hija lingwa komuni li tikkomunika mal-emozzjonijiet tagħna, u tistedinna niddibattu l-identitajiet tagħna. Bħala tali, iċ-ċinema hija għodda edukattiva qawwija.

Għaldaqstant, il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX, b'kollaborazzjoni ma' assoċjazzjonijiet kulturali u istituti ċinematografiċi, jipprovdi pakketti edukattivi dwar il-films fil-kompetizzjoni. Dawn il-pakketti sikwit iservu biex isaħħu d-dibattiti li jsiru wara l-wiri tal-films u jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għall-għalliema.

## 28 DARBA ĊINEMA

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX, bil-kooperazzjoni ta' Giornate degli Autori u Europa Cinemas u bl-appoġġ ta' Cineuropa, ilu mill-2010 jippromwovi l-proġett 28 Darba Ċinema. Din l-inizjattiva tlaqqa' flimkien 28 żagħżugħ u żagħżugħa dilettanti taċ-ċinema minn madwar l-Ewropa, biex jattendu kors ta' taħriġ intensiv ta' 11-il ġurnata f'Venezja. Dawn it-28 entużjasta tal-films, ta' età bejn it-18 u l-25 sena, jattendu wirjiet tal-films u jipparteċipaw f'dibattiti dwar iċ-ċinema Ewropea. Il-proġett 28 Darba Ċinema jinvolvi diretturi, awturi, professjonisti ċinematografiċi u Membri tal-Parlament Ewropew. Din is-sena, għall-ħames darba, dawn iż-żgħażagħ entużjasti tal-films se jifformaw parti mill-ġurija tal-Premju Giornate degli Autori u se jippreżentaw il-premju. L-aġenda ta' 28 Darba Ċinema tinkludi wkoll il-wiri tat-tliet films fil-kompetizzjoni għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX.

# IL-PROĊESS TA' GĦAŻLA

**Biex ikunu eliġibbli għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX, jeħtieġ li l-films:**

1. Ikunu dokumentarji fittizji jew kreattivi (jistgħu jkunu films ta' animazzjoni);
2. Ikunu twal mhux inqas minn 60 minuta;
3. Ikunu produzzjonijiet jew koproduzzjonijiet eliġibbli għall-programm MEDIA tal-Ewropa Kreattiva (jiġifieri bi produzzjoni jew b'koproduzzjoni fi Stat Membru tal-UE jew fl-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Albanija, il-Montenegro jew il-Bożnija-Ħerzegovina);
4. Jixhdu d-diversità tat-tradizzjonijiet Ewropej, jixħtu dawl fuq il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea u jipprovdu għarfien dwar il-bini tal-Ewropa;
5. Ikollhom l-ewwel wiri tagħhom f'festival jew l-ewwel ħruġ tagħhom fis-swali taċ-ċinema bejn l-10 ta' Mejju tas-sena ta' qabel u l-15 ta' April tas-sena tal-premju;
6. Ma jkunux rebħu l-ewwel premju fil-festivals li ġejjin: Venezja, San Sebastián, Berlin, Cannes, Karlovy Vary jew Locarno.

APRIL

**BRUSSELL ➤**



20 espert taċ-ċinema jiffurmaw il-Ġurija li tiddiskuti iktar minn 50 film.

LULJU

**KARLOVY VARY** ➤



Titħabbar l-Għażla Uffiċjali, li tikkonsisti f'**10 FILMS** magħżula mill-Ġurija.

SETTEMBRU

**VENEZJA** ➤

**3 FILMS** mill-Għażla Uffiċjali jikkompetu għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX. Bis-saħħa tal-LUX FILM DAYS, dawn il-films jintwerew fit-28 Stat Membru, bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

NOVEMBRU

**STRASBURGU**

Jintgħażel il-**FILM REBBIEĦ TAL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX**, li jitħabbar mill-President tal-Parlament Ewropew, wara votazzjoni mill-Membri tal-Parlament Ewropew.Il-film rebbieħ ikompli jiġi promoss, u jiġi adattat għall-persuni bil-vista batuta u/jew b'insuffiċjenza fis-smigħ.

# L-GĦAŻLA UFFIĊJALI TAL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2019



**CLERGY**
***Kler***
ta' Wojciech Smarzowski
Il-Polonja

**HER JOB**
***I Douleia tis***
ta' Nikos Labôt
Il-Greċja, Franza, is-Serbja





**HONEYLAND**
***Medena zemja***
ta' Tamara Kotevska, Ljubomir Stefanov
Il-Maċedonja ta' Fuq

**INVISIBLES**
***Les Invisibles***
ta' Louis-Julien Petit
Franza





**RAY & LIZ**
ta' Richard Billingham
Ir-Renju Unit

**SYSTEM CRASHER**
***Systemsprenger***
ta' Nora Fingscheidt
Il-Ġermanja





**THE MAN WHO SURPRISED EVERYONE**
***Tchelovek, kotorij udivil vsekh***
ta' Natasha Merkulova, Aleksey Chupov
Ir-Russja, l-Estonja, Franza

# IL-KOMPETIZZJONI UFFIĊJALI TAL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2019



**GOD EXISTS, HER NAME IS PETRUNYA**
***Gospod postoi, imeto i'e Petrunija***
ta' Teona Strugar Mitevska
Il-Maċedonja ta' Fuq, il-Belġju, is-Slovenja, Franza, il-Kroazja

**COLD CASE HAMMARSKJÖLD**
ta' Mads Brügger
Id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Belġju





**THE REALM (1)**
***El Reino***
ta' Rodrigo Sorogoyen
Spanja, Franza

(1) *The Candidate* fl-Irlanda, Malta u r-Renju Unit

## LUX FILM DAYS

Fl-2012, il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX tal-Parlament Ewropew wassal għall-ħolqien tal-LUX FILM DAYS. Kull sena, minn Ottubru sa Jannar, il-LUX FILM DAYS jaqbżu l-fruntieri ġeografiċi u lingwistiċi u joħolqu spazju transnazzjonali u Ewropew fejn id-dilettanti taċ-ċinema tat-28 pajjiż tal-UE jistgħu jaraw u jaqsmu ma' xulxin tliet films eċċezzjonali bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Il-films jintwerew waqt festivals ċinematografiċi u fi swali taċ-ċinema ta' kull tip, u sikwit ikunu qed jintwerew għall-ewwel darba fil-livell nazzjonali. L-avveniment jiġi organizzat mill-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew.

Il-LUX FILM DAYS joffru opportunità lill-Ewropej biex jesperjenzaw u jaqsmu ma' xulxin id-diversità u r-rikkezza taċ-ċinema Ewropea u jiddibattu dwar il-kwistjonijiet imqajma mill-films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX — kemm f'dibattiti diretti kif ukoll fuq il-midja soċjali.

Bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX u l-Programm Ewropa Kreattiva, l-udjenzi madwar l-Ewropa jistgħu jesperjenzaw avveniment ċinematografiku uniku — jiġifieri films murija simultanjament. Il-films jintwerew simultanjament f'diversi swali taċ-ċinema u jiġbru flimkien lill-udjenzi permezz ta' taħdita interattiva diretta mar-reġisti ċinematografiċi.

## IL-KOMPETIZZJONI UFFIĊJALI TAL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2019

Din is-sena l-Parlament Ewropew għandu l-pjaċir jippreżenta **t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2019:**

**COLD CASE HAMMARSKJÖLD**
ta' Mads Brügger
Id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Belġju

**GOD EXISTS, HER NAME IS PETRUNYA** ***(Gospod postoi, imeto i'e Petrunija)***
ta' Teona Strugar Mitevska
Il-Maċedonja ta' Fuq, il-Belġju, is-Slovenja, Franza, il-Kroazja

**THE REALM** ***(El Reino) (1)***
ta' Rodrigo Sorogoyen
Spanja, Franza

# ARA, IDDISKUTI U VVOTA

It-tliet films joffrulna l-possibbiltà li nesperjenzaw stejjer b'mod emozzjonali u provokanti, tliet xogħlijiet Ewropej friski u li jiftħulna għajnejna fuq realtajiet ġodda, li lill-udjenza jippreżentawlha diversità inkredibbli ta' ġeneri u ta' lingwaġġ ċinematografiku.

Nistidnuk tarahom matul it-tmien edizzjoni tal-LUX FILM DAYS.

Il-Membri tal-udjenza huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom u jivvotaw għall-film favorit tagħhom fuq is-sit web tal-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX jew fuq Facebook. Il-film rebbieħ jirċievi **l-Premju tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku LUX FILM** waqt il-Festival Ċinematografiku Internazzjonali ta' Karlovy Vary (KVIFF) 2020, biex b'hekk tinġieb fi tmiemha l-edizzjoni kurrenti tal-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX. It-tħabbira tal-10 films li jifformaw l-Għażla Uffiċjali tal-KVIFF tagħti bidu għall-edizzjoni tas-sena ta' wara.

(1) *The Candidate* fl-Irlanda, Malta u r-Renju Unit

# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

# COLD CASE HAMMARSKJÖLD

ta' Mads Brügger

Id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Belġju

*Cold Case Hammarskjöld* jagħti ħarsa ġdida lejn il-mewt qatt spjegata tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Dag Hammarskjöld li seħħet fit-18 ta' Settembru 1961: l-ajruplan ta' Hammarskjöld iġġarraf f'ċirkostanzi misterjużi hekk kif Hammarskjöld kien qed ilesti biex jiltaqa' ma' Moïse Tshombe, il-mexxej tal-provinċja ribelli tal-Katanga, li kienet għadha kif iddikjarat l-indipendenza tagħha mill-Kongo. Hammarskjöld kien qed jittama li jsolvi kunflitt li fih kienu involuti interessi kbar ħafna, billi jipperswadi 'l-Katanga — li f'dak iż-żmien kellha l-appoġġ tal-Union Minière, kumpanija Belġjana b'saħħitha b'interessi ekonomiċi konsiderevoli fl-Afrika — biex terġa' tingħaqad mal-Kongo indipendenti.

Wara iktar minn nofs seklu, il-ġurnalist u reġista tal-films Daniż Mads Brügger iddeċieda li jeżamina l-każ bl-għajnuna ta' investigatur privat Żvediż, Göran Björkdahl. Il-film ta' Mads Brügger ikopri l-istadji kollha tal-investigazzjoni — mill-identifikazzjoni ta' min kien involut dak iż-żmien, sal-isforzi biex jinstabu u jiġu intervistati x-xhieda, tfittxija tas-sit fejn iġġarraf l-ajruplan biex jinstabu frammenti tal-ajruplan midfuna fil-ħamrija, u l-analiżi u l-kontroreferenzjar ta' informazzjoni minn dokumenti differenti — li eventwalment wasslu liż-żewġt irġiel fuq it-traċċa ta' organizzazzjoni suprematista paramilitari tal-bojod ibbażata fl-Afrika t'Isfel, li setgħet kienet involuta fl-assassinju tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. Fil-film insegwu lill-investigaturi huma u jiżvelaw delitti oħrajn li bilkemm jitwemmnu.


© Tore Vollan

## L-ISFOND

Barra milli jixħet dawl fuq iċ-ċirkustanzi li jikkonċernaw il-mewt suspettuża ta' Dag Hammarskjöld, il-film ta' Mads Brügger joffri għarfien ferm usa' dwar l-aspett mistur tad-dekolonizzazzjoni tal-kontinent Afrikan kollu, u b'mod partikolari f'dak li kien il-Kongo Belġjan — proċess li mar kontra l-interessi tal-Punent. Kien biss wara tliet snin ta' pressjoni min-NU (u intervent militari mill-forzi tagħhom) li l-provinċja sinjura ta' Katanga finalment reġgħet ingħaqdet mal-pajjiż indipendenti l-ġdid.

Is-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien hija riflessa fiż-żminijiet tal-lum, fejn bosta kumpaniji multinazzjonali tal-Punent jisfruttaw bla ħniena r-riżorsi naturali tal-Afrika u l-forza tal-ħaddiema rħisa tagħha, li hija magħmula minn persuni li m'għandhomx triq oħra ħlief li jaħdmu għal dawn il-kumpaniji biex ikunu jistgħu jgħixu. Dawn il-kumpaniji multinazzjonali jisfruttaw il-kompliċità ta' reġimi awtoritarji u/jew ta' reġimi korrotti li ħafna minnhom għandhom l-appoġġ tal-pajjiżi tal-Punent biex, bla mistħija ta' xejn, ipoġġu l-interessi privati tagħhom qabel l-interessi kollettivi tal-popolazzjoni lokali u tal-ambjent li jgħixu fih, u dan, b'nuqqas assolut ta' rispett għall-istat spiss diżastruż tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi kkonċernati.

Il-film ta' Mads Brügger iservi ta' punt tat-tluq għal dibattitu kruċjai dwar il-ħtieġa urġenti li l-awtorità politika terġa' tafferma ruħha fil-konfront tal-interessi privati qawwija, tal-globalizzazzjoni bħala forma ta' kolonizzazzjoni ekonomika u finanzjarja u tad-distakk dejjem ikbar fil-ġid bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

## L-APPROĊĊ TA' MADS BRÜGGER

Il-film ta' Mads Brügger huwa assolutament oriġinali: waqt li jippreżenta s-sejbiet tiegħu, huwa jiffilmja lilu nnifsu f'firxa ta' sitwazzjonijiet differenti bħala mezz li bih jagħti struttura lill-volum kbir ta' informazzjoni li huwa ġabar u tal-istadji differenti fl-investigazzjoni tiegħu. Bħala spettaturi nħossuna bħallikieku qed nieħdu sehem fil-ħolqien tal-film, bħallikieku aħna wkoll għandna rwol fin-narrattiva, xi drabi bħala xhieda u xi drabi bħala ħbieb fdati li Mads Brügger jista' jiftaħ qalbu magħhom dwar id-dubji, id-diffikultajiet, il-ħsibijiet, l-inċertezzi, il-mumenti ta' umoriżmu, kif ukoll il-perspettiva tiegħu.

Mads Brügger iservi ta' lenti li permezz tagħha aħna nikkunsidraw xogħlu — mhux biss ir-rivelazzjonijiet innegabbli li jagħmel, iżda wkoll il-misteri li jiltaqa' magħhom, u xi kultant in-nuqqasijiet u d-dubji tiegħu. Filwaqt li dan il-mod kif jiġu ppreżentati d-diversi stadji fl-investigazzjoni jista' jagħti lok għal konfużjoni fi mħuħ xi spettaturi, huwa preċiżament dan l-approċċ profondament uman, fallibbli — u li ħafna drabi jwaqqa'


© Tore Vollan


© Tore Vollan



© Tore Vollan

lilu nnifsu għaċ-ċajt — li jagħmel *Cold Case Hammarskjöld* ħafna iktar qawwi u awtentiku. Brügger jintroduċi l-film tiegħu bħala "jew l-iktar qtil misterjuż fid-dinja jew l-iktar teorija ta' konġura idjotika fid-dinja" —jammetti apertament li huwa konxju mil-limiti tal-investigazzjoni tiegħu.

## IL-LOGĦOB TA' RWOLI U R-REĠISTA LI JIRREĊTA L-PARTI TA' PROTAGONISTA

Wara sekwenza ta' krediti bl-iswed u l-abjad li turi l-immaġni tat-tiġrif tal-ajruplan li fih miet Dag Hammarskjöld, il-film jiftaħ b'żewġ xeni qosra li jispjegaw il-mod li bih se tiġi żviluppata n-narrattiva. Mill-bidu nett, nafu li l-film se jiżvolġi fl-2018, f'Cape Town, fl-Afrika t'Isfel, u f'Kinshasa, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'segretarja differenti għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ postijiet: Clarinah u Saphir. L-ewwel ħaġa li tolqotna f'dawn ix-xeni huwa l-mod kif Mads Brügger jippreżenta lilu nnifsu lil dawn iż-żewġ nisa Kongoliżi: bl-għajnuna tagħhom, huwa se jirrakkonta storja li fiha l-karattru l-"ħażin" kien jilbes l-abjad, eżatt bħal ma jagħmel hu. Iddeċieda li jikteb ix-xeneġġjatura tiegħu fil-Memling Hotel f'Kinshasa, fl-istess post fejn jingħad li dan il-karattru l-ħażin aktarx li qagħad fl-1965. B'hekk huwa espliċitament jidħol fil-karattru tar-raġel li se jagħtih il-biċċa l-kbira tat-tort għall-assassinju tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u — kif se niskopru iktar tard — li kellu rwol ewlieni fi proġett iktar vast, li kellu l-għan li jeqred għalkollox il-popolazzjoni tas-suwed. Mhux inqas provokanti hija x-xena fejn Brügger u Göran Björkdahl iżuru s-sit tat-tiġrif tal-ajruplan, it-tnejn li huma libsin elmi kolonjali. Bl-istess mod narawh fir-rwol ta' karattru "ħażin" ieħor, meta f'numru ta' okkażjonijiet, huwa jiġi ffilmjat jilgħab solitaire (fil-kamra tal-lukanda jew fil-bar) b'sett ta' karti tal-logħob magħmul biss mill-ass ta' spati(1) — eżatt l-istess karta li nstabet fuq il-ġisem ta' Dag Hammarskjöld u li notorjament kienet tintuża mis-CIA bħala l-"karta taż-żjara" tagħha.

B'dan il-mod, il-kostumi u l-aċċessorji jintużaw biex joħolqu karattru kompletament distint, sabiex b'hekk tiġi stabbilita distanza ironika bejn il-produttur tal-films u l-udjenza immedjata tiegħu (l-assistenti u x-xhieda tiegħu fuq il-post) u mal-udjenza usa' tiegħu (l-ispettaturi), li jagħti lil *Cold Case Hammarskjöld* dinamika personali u inċiżiva li tkompli tenfasizza l-fatt li l-film ma għandux pretensjonijiet ta' akkuratezza storika.

(1) Hi x'inhi l-interpretazzjoni tagħna tas-sinifikat tal-karti tal-logħob f'dawn ix-xeni partikolari, pakketti ta' karti tal-logħob ta' 52 karta magħmula biss minn ass ta' spati kienu ġew prodotti matul il-Gwerra tal-Vjetnam fuq talba tal-Armata tal-Istati Uniti: dawn kienu ngħataw lis-suldati, li użawhom bħala arma psikoloġika kontra l-għedewwa superstizzjużi tagħhom, li għalihom l-ass ta' spati kien meqjus bħala simbolu tal-mewt. Eluf ta' pakketti ta' karti tal-logħob bl-isem ta' "Bicycle Secret Weapon" spiċċaw imxerrda madwar il-ġungla u l-villaġġi ostili.

## NARRATTIVA RRAKKONTATA F'POST-ITS®

L-istruttura tal-film, imqassma f'kapitoli li jitħabbru permezz ta' post-its® miktuba bl-id minn Clarinah jew minn Saphir, u li wara jitwaħħlu fuq il-ħajt tal-ispazju tax-xogħol komuni tagħhom, tagħti lill-film kwalità improvizzata, daqslikieku laqqtuh flimkien bl-għaġla jew bl-addoċċ. L-użu ta' post-its® jagħti idea ta' messaġġ trivjali mħażżeż għall-individwu nnifsu jew għal ħabib ta' fiduċja, li għandu jinqara darba biss u wara jintrema. Għaldaqstant hemm kuntrast qawwi bejn il-gravità tas-suġġett inkwistjoni u l-mod apparentement irriżorju, u xi kultant diskonness, li bih jiġi ttrattat is-suġġett (bil-qlib lura u 'l quddiem fiż-żmien u fl-ispazju). Dan il-metodu narrattiv, li jinvolvi djalogu bejn il-produttur tal-films u s-segretarji tiegħu, jikkumpensa n-nuqqas ta' koerenza billi jenfasizza kull stadju ġdid fl-investigazzjoni. Permezz tal-mistoqsijiet inġenwi tagħhom, kif ukoll tar-riflessjonijiet abbażi ta' sens komun jew tar-reazzjonijiet ta' sorpriża jew inkredulità tagħhom, Clarinah u Saphir jaġixxu bħala mirja li jirriflettu l-ħsibijiet u l-mistoqsijiet tagħna bħala spettaturi, u li jisfurzaw lil Mads Brügger ikompli jispjega, jiċċara u jirrakkonta mill-ġdid. Dan l-approċċ jagħti lill-istorja struttura differenti, vivaċi, spontanja u ċertament inqas "serja".

Fuq l-isfond ta' dan l-istil ta' narrattiva "fil-mument", il-mod brutali li bih l-awtoritajiet iwaqqfu lil Brügger milli jkompli jħaffer fuq is-sit tat-tiġrif tal-ajruplan iservi ta' punt fejn isseħħ bidla deċiżiva, u Brügger jikkondividi l-ħsibijiet tiegħu permezz ta' voice-over marbut ma' ġabra ta' immaġni tiegħu waħdu fil-kamra tiegħu, fil-bar jew qed jisker, jew jilgħab solitaire. Skoraġġit bil-fatt li sitt snin xogħol issa taru mar-riħ, huwa jaqsam magħna b'mod dirett kemm id-diżappunt tiegħu kif ukoll l-ideat kollha li kellu dak iż-żmien biex isalva l-film. Meta wieħed iħares lura, dan huwa mument kruċjali, peress li huwa f'dan il-mument li jiddeċiedi li jirritorna lejn l-Afrika t'Isfel flimkien ma' Göran biex ikompli bl-investigazzjoni tiegħu dwar is-SAIMR (South African Institute for Maritime Research). Il-film imbagħad jieħu direzzjoni għalkollox differenti meta l-fatti żvelati jmexxuh lil hinn mill-iskop tal-investigazzjoni inizjali tiegħu. L-attivitajiet tal-organizzazzjoni suprematista klandestina tal-bojod fl-Afrika t'Isfel, kif irrakkontati fid-dettall minn numru ta' xhieda, għandhom taqsima ddedikata għalihom fid-dokumentarju, anki jekk ma għandhomx rabta diretta mal-linja ta' investigazzjoni inizjali.




© Tore Vollan

## IMMAĠNI U LIVELLI TA' VERITÀ

Karatteristika distintiva oħra tad-dokumentarju hija l-għażla ta' immaġni biex jillustraw numru ta' sekwenzi. Waqt li Mads Brügger huwa preżenti fil-parti l-kbira tal-film — jew f'diskussjoni dwar is-sejbiet li jagħmel maż-żewġ segretarji tiegħu, jew waqt iż-żjara fuq is-sit tat-tiġrif, jew ma' Göran Björkdahl fl-Afrika t'Isfel — sekwenzi oħra jinkludu immaġni jew filmati ta' aħbarijiet antiki, li jankraw il-film fir-realtà, b'siltiet minn diskorsi ta' Dag Hammerskjöld li jiddefendu l-indipendenza ekonomika tal-pajjiżi Afrikani, b'immaġni ta' ġlied bejn is-suldati ta' Moïse Tshombe u l-Elmi Blu tan-NU, b'immaġni tal-kumitat ta' esperti li ltaqa' fin-Netherlands fl-2013 biex iħabbar il-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet tiegħu dwar il-mewt ta' Hammarskjöld, u bl-immaġni tal-arċisqof tal-Afrika t'Isfel, Desmond Tutu, li ppresieda l-Kummissjoni dwar il-Verità u r-Rikonċiljazzjoni, li f'konferenza stampa tal-1998 kien iddeskriva l-attivitajiet kriminali mwettqa mis-SAIMR u, b'mod partikolari, l-involviment dirett tagħha fis-sabotaġġ tal-ajruplan ta' Hammarskjöld. Mhux hekk biss, iżda l-użu ta' ritratti u reġistrazzjonijiet antiki, li jintużaw bħala prova tal-eżistenza ta' persuni li sfaw minsija kif ukoll ta' avvenimenti li l-veraċità tagħhom hija kkontestata, jikkontradixxu l-verżjoni uffiċjali tal-avvenimenti.

Fl-aħħar nett, is-sekwenzi animati bl-iswed u l-abjad jintużaw biex jirrakkontaw avvenimenti ipotetiċi li dwarhom m'hemm l-ebda qbil dwar in-natura, il-protagonisti jew l-eżistenza reali tagħhom. L-għażla ta' mezz deliberatament mhux realistiku tirrifletti l-ħtieġa li l-materjal minn sorsi mhux verifikati jiġi ttrattat b'kawtela kbira.

## BĦALA KONKLUŻJONI

Kif rajna, Mads Brügger, f'xi każijiet, ta prijorità lill-għażliet ċinematografiċi tiegħu fuq l-approċċ fattwali rigoruż li wieħed jistenna minn ġurnalist. Dawn l-għażliet, madankollu, jagħmluha possibbli li fatti oġġettivi u ppruvati jiddaħħlu f'xenarju iktar soġġettiv, kompost minn xenarji ipotetiċi u minn rakkonti ta' xhieda li, għalkemm ħafna drabi jikkonfermaw ir-rakkonti ta' xulxin, mhumiex sostnuti minn provi storiċi. Għalhekk għandna nistaqsu lilna nfusna dwar il-kredibbiltà ta' dak li naraw fil-film.

Madankollu, il-mistoqsijiet leġittimi tagħna m'għandhomx iżommuna milli nqisu dak li ġie żvelat mill-investigazzjoni, jiġifieri: il-probabbiltà qawwija ħafna li Dag Hammarskjöld ġie assassinat bil-parteċipazzjoni diretta tas-SAIMR, u li għandha ssir investigazzjoni bir-reqqa dwar l-allegazzjonijiet li l-virus tal-HIV kien ir-riżultat ta' riċerka sigrieta li saret minn din l-organizzazzjoni klandestina, f'kooperazzjoni mas-CIA u mas-servizzi sigrieti Ingliżi, u li din intużat bħala arma bijoloġika fl-Afrika sabiex teqred il-popolazzjoni tas-suwed u tissalvagwardja l-interessi tal-Punent madwar il-kontinent kollu. Hija sewwasew din ir-rivelazzjoni enormi, mhux mistennija u xokkanti, li l-produttur ċinematografiku Daniż jippreżentalna mhux bħala fatt, iżda bħala ipoteżi ġdida li għandha tiġi investigata, li tispiċċa tagħti lill-film il-forza u l-valur tiegħu.

**XI PUNTI GĦAD-DISKUSSJONI**

- F'diversi mumenti waqt *Cold Case Hammarskjöld*, naraw lil Mads Brügger jilgħab solitaire, iżda l-karti kollha fil-pakkett huma l-ass ta' spati — referenza ċara għall-karta taż-żjara li kienet tintuża mis-CIA, u li tħalliet fuq il-ġisem tas-Segretarju Ġenerali tan-NU wara t-tiġrif tal-ajruplan. Kif tinterpreta dan id-dettall assurd fil-kuntest tal-film?
- Wara li jiġi mġiegħel jieqaf iħaffer fis-sit tat-tiġrif fi Ndola, ir-reġista jiftaħ qalbu magħna u jgħidilna l-pjan tiegħu biex jgħatti l-falliment tal-investigazzjonijiet ġurnalistiċi tiegħu. Jgħid li kien mar hemm flimkien maż-żewġ segretarji ta' oriġini Afrikana tiegħu bit-tama li jsalva l-film. X'taħseb li ried jgħid b'dan? Għalfejn taħseb li l-preżenza tagħhom setgħet tgħinu?
- Fi tmiem ta' intervista, li tikkoinċidi — b'mod sinifikanti — ma' tmiem il-film, Alexander Jones jgħid li l-Afrika kienet tkun kontinent totalment differenti kieku Hammarskjöld kien baqa' ħaj u kompla b'ħidmietu. X'taħseb li ried ifisser b'dan?

les grignoux












**DIRETTUR:** Mads Brügger
**SKRITT:** Mads Brügger
**KAST:** Mads Brügger, Göran Björkdahl
**ĊINEMATOGRAFIJA:** Tore Vollan
**PRODUTTURI**: Peter Engel, Bjarte Mørner Tveit, Andreas Rocksén
**PRODUZZJONI**: Wingman Media, Piraya Film u Laika Film & Television
**SENA:** 2019
**TUL:** 119-il minuta
**ĠENERU:** Dokumentarju
**PAJJIŻI:** Id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Belġju
**VERŻJONI ORIĠINALI:** Ingliż, Franċiż, Bemba, Żvediz, Daniż

# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

# GOD EXISTS, HER NAME IS PETRUNYA

## *Gospod postoi, imeto i'e Petrunija*

ta' Teona Strugar Mitevska

Il-Maċedonja ta' Fuq, il-Belġju, is-Slovenja, Franza, il-Kroazja

Petrunya, li għandha 32 sena u li tinsab bla xogħol, tgħix mal-ġenituri tagħha fi Štip, il-Maċedonja ta' Fuq. Fi triqitha lura minn intervista tax-xogħol li ma marritx tajjeb, hija tispiċċa tinqabad f'festival reliġjuż, li matulu ġuvintur minn madwar il-pajjiż jikkompetu biex ikunu l-ewwel li jiġbru salib li qassis jitfa' fi xmara; il-premju huwa sena ta' xorti tajba u prosperità. Mingħajr ma qagħdet taħsibha, Petrunya qabżet fl-ilma hija wkoll, u tkun l-ewwel waħda li taqbad is-salib. Din ir-rebħa, li ma tistax tiġi kkontestata, tispiċċa tħarbat l-ordni soċjali fil-komunità tagħha, għax il-kompetizzjoni hija miftuħa biss għall-irġiel. Il-Knisja u s-soċjetà kollha, kif se jirnexxilhom isolvu dan il-kunflitt?



© Virginie Saint Martin

## "IL-ĦAJJA MHIJIEX ĦRAFA"

Minkejja li l-film jibda b'xena kemxejn misterjuża (Petrunya tinsab bilwieqfa, ma tiċċaqlaqx, f'pixxina vojta, u b'mużika heavy metal fl-isfond), il-bidu tal-film jippreżentalna s-sitwazzjoni soċjali tat-tfajla: Petrunya għandha 32 sena, għadha tgħix mal-ġenituri tagħha u tinsab bla xogħol. Ommha, permezz ta' xi ħadd li taf, tirranġalha intervista għal impjieg f'ħanut tal-ħjata. Għalkemm ma tafx tħit, Petrunya tipprova tisfrutta l-lawrja tagħha fl-istorja u tistaqsi jekk hemmx il-possibbiltà li taħdem bħala segretarja, iżda l-manager ma għandux impjieg għaliha; jgħid li mhi tajba għal xejn, lanqas fis-sodda.

Petrunya mhijiex l-unika waħda li tinsab f'din is-sitwazzjoni prekarja. Il-ħabiba tagħha, Blagica, taħdem bħala bejjiegħa f'ħanut tal-ħwejjeġ (post pjuttost tad-dwejjaq) ta' proprjetà tan-namrat tagħha, raġel miżżewweġ li mingħandu hija taf li ma tistax tippretendi impenn fit-tul. L-opportunitajiet ta' impjieg jidhru limitati ħafna għal dawn it-tfajliet. Il-kwalifiki tagħhom ifissru ftit li xejn għall-impjegaturi fil-provinċja tagħhom: tant hu hekk, li omm Petrunya, meta tiġi intervistata iktar tard fil-film minn ġurnalista li qed tirrapporta dwar l-avvenimenti, tagħmilha ċara ħafna li dak li bintha teħtieġ iktar minn kull ħaġa oħra huwa impjieg. Persuna oħra intervistata targumenta li jkun aħjar li kieku l-ġurnalista tkellem lill-politiċi, li jidher li mhumiex kapaċi jgħinu lil dawk li qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja. Insiru nafu li saħansitra l-cameraman jipprova jdawwar xi ftit iktar flus mal-paga billi jagħmel imħatri fuq il-logħob tal-futbol.

Din is-sitwazzjoni ta' impjieg diffiċli hija aggravata bid-dominju tal-patrijarkat fuq in-nisa. Naraw dan b'mod ċar fil-ħanut tal-ħjata fejn il-manager, li huwa raġel, għandu uffiċċju bil-ħġieġ f'nofs il-ħanut biex ikun jista' jżomm għajnejh fuq il-ħaddiema nisa li jaħdmu madwaru. Kontinwament medhi bl-ismartphone, jidher li ftit għandu x'jagħmel. Japprofitta ruħu mill-awtorità tiegħu biex jittanta (b'attitudni maskili sessista jew sempliċement ta' fastidju) lill-impjegati nisa tiegħu. Barra minn hekk, omm Petrunya tidher li taċċetta s-subordinazzjoni femminili meta tinsisti li bintha għandha kemm jista' jkun tikkonforma mal-aspettattivi tal-irġiel billi, fost affarijiet oħra, tilbes b'mod eleganti u tigdeb dwar l-età tagħha.

Għalhekk, l-ewwel parti tal-film tistabbilixxi kemm huwa diffiċli għal mara żagħżugħa edukata biex issib postha fis-soċjetà f'din il-provinċja tal-Maċedonja ta' Fuq, sentiment li Petrunya tikkonfermah meta tgħid li "l-ħajja mhijiex ħrafa".





© Virginie Saint Martin

## L-GĦOQDA GORDJANA

Petrunya tispiċċa fil-purċissjoni b'kumbinazzjoni, u malajr issir ċara n-natura doppja ta' dan l-avveniment: il-purċissjoni hija kemm reliġjuża kif ukoll folkloristika, b'qassisin, slaleb, innijiet u talb ikkuntrastati ma' ġuvintur lebsin il-malji tal-għawm u ħerqana biex jaqbżu fl-ilma. Meta t-tfigħ tas-salib mill-qassis imur kemxejn ħażin, għax jispiċċa jieħu direzzjoni differenti u jgħaddi qrib Petrunya, hija taqbeż fl-ilma u taqbdu. L-azzjonijiet tagħha minnufih isiru kawża ta' skandlu: filwaqt li r-rebħa tagħha, maqbuda fuq il-kamera, hija indiskutibbli, hija ma kellhiex id-dritt li tieħu sehem fl-avveniment. Hekk kif is-subien jaħtfu s-salib minn idejha, il-qassis jintervjeni u jroddilha lura l-oġġett li jġib ir-risq. Petrunya tapprofitta mill-pandemonju li qalgħet biex tmur lura d-dar tagħha.

Il-bqija tal-film iseħħ fl-għassa tal-Pulizija fejn tkun qed tinżamm Petrunya. L-għoqda Gordjana li tinsab fiha Petrunya tidher ċara f'dan il-kuntest, fejn r-reliġjon u l-istat jitħalltu, u huma ppersonifikati mill-figuri tal-qassis u tal-uffiċjali tal-pulizija, li jirrappreżentaw żewġ forom ta' awtorità li jeżiġu l-ubbidjenza tagħha. Iżda l-mistoqsijiet intelliġenti ta' Petrunya jesponu l-assurdità tas-sitwazzjoni: liema liġi kisret? Il-liġi tal-bnedmin jew il-liġi ta' Alla? Jekk l-ewwel waħda, għalfejn hemm il-qassis jipprova jikkalmaha? Jekk it-tieni waħda, għalfejn qed tinżamm fl-għassa tal-Pulizija? Il-kompliċità bejn il-Kap tal-Pulizija u l-qassis (dawn it-tnejn iħobbu jixorbu flimkien u huma familjari ma' xulxin) tirrifletti b'mod ċar il-kollużjoni usa' bejn dawn iż-żewġ poteri. Fil-fatt, huma magħqudin kemm b'għan komuni (biex jikkonsolidaw l-awtorità tagħhom billi jerġgħu jistabbilixxu l-paċi u l-ordni) kif ukoll permezz ta' metodu komuni, jiġifieri: li jġiegħlu lit-tfajla li qed tisfidahom tissottometti għar-rieda tagħhom billi trodd lura s-salib li, skonthom, mhuwiex tagħha biex iżżommu. Il-ġurnalista, min-naħa tagħha, titkellem fuq suġġetti pompużi (li ma jagħmlux sens f'dan il-kuntest) biex tiddeskrivi u tanalizza s-sitwazzjoni, issemmi ideat bħall-patrijarkat, id-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri u d-dominanza maskili li jinħbew wara l-maskra tat-tradizzjoni. Hija tenfasizza wkoll in-natura anakronistika ta' din is-sitwazzjoni billi tqabbilha ma' passat ferm imbiegħed u anqas illuminat.

Stramba li wieħed jinnota li meta l-Kap tal-Pulizija jinterroga lil Petrunya, bi dħulija biex jirbaħ lit-tfajla, huwa jistaqsiha jekk it-teżi tagħha kinitx dwar Alessandru l-Kbir. Madankollu, Petrunya ppreferiet tistudja l-integrazzjoni tal-Komuniżmu fl-istrutturi demokratiċi fir-rivoluzzjoni Ċiniża, milli l-istorja antika ħafna ta' pajjiżha. B'dan il-mod nifhmu li t-tfajla hija marbuta mal-valuri tal-ugwaljanza, il-fraternità u l-ġustizzja, b'mod iktar modern mill-pulizija jew mill-qassisin li jikkuntentaw ruħhom bil-protezzjoni tal-ordni stabbilit. Bħal ma għamel Alessandru l-Kbir, tista' Petrunya tħoll l-għoqda ideoloġika li qed ixxekkilha biex imbagħad tkun tista' titlaq tiskopri d-dinja?

## ERBGĦA U GĦOXRIN SIEGĦA FIL-ĦAJJA TA' MARA

L-istorja tal-film issir f'jum wieħed. Mill-mument li fih tqum filgħodu sa meta titlaq mill-għassa tal-Pulizija filgħaxija, Petrunya tgħaddi minn vjaġġ twil u diffiċli biex tiżgura l-libertà tagħha. Wieħed jista' jargumenta li l-vjaġġ tagħha jikkorrispondi mal-istadji tal-ħajja ta' persuna: fil-bidu tal-film naraw lil Petrunya qisha tifla ċkejkna bil-geddum li tirrifjuta li tqum mis-sodda u li ommha tgħaddilha biċċa ħobż taħt il-friex biex tħeġġiġha toħroġ 'il barra mill-kamra tagħha. L-inkarnazzjoni li jmiss tagħha hija dik ta' adolexxenti ribelluża, li ma tridx tobdi, u li tikkontesta l-awtorità ta' min hu ikbar minnha. Fl-aħħar nett, hija tittrasforma ruħha fi tfajla indipendenti meħlusa mill-kustodja tal-pulizija, iżda ħielsa wkoll mill-prekonċetti tagħha dwar id-dinja li kienu qed iżommuha lsira. F'dan il-punt, hija taċċetta lil ommha kif inhi: jiġifieri bħala persuna li mhijiex kapaċi tifhem dak li qed tgħaddi minnu bintha. Dan huwa l-mument li fih tkun hija stess li trodd lura s-salib lill-qassis billi tgħidlu li hu u l-oħrajn għandhom bżonnu iktar minnha.

Bil-mod il-mod, tibni l-emanċipazzjoni tagħha, l-ewwel billi tiġġieled l-inġustizzja bir-rabja, u mbagħad bl-intelliġenza u b'kalma determinata. Bla dubju tista' sserraħ fuq ċertu tip ta' sostenn, jiġifieri: il-vidjow tar-rebħa tagħha fuq YouTube li jispiċċa jsir popolari immens, kif ukoll l-ammirazzjoni li juri Darko, il-Pulizija dħuli, għall-kuraġġ tagħha. Il-mument li fih hija tibda verament terġa' tieqaf fuq saqajha huwa meta jkollha tiġġieled kontra l-attakki u l-attentati multipli li għandhom biss l-iskop li jintimidawha. Pereżempju, il-Pulizija tipprova tikser ir-rieda tagħha billi żżommha fl-għassa għal sigħat sħaħ, u l-interrogazzjonijiet tagħhom spiss jieħdu xejra vjolenti; Petrunya tingħata wkoll f'idejn grupp ġuvintur irrabjati u l-mexxej tagħhom, u jattakkawha ( tinħeles eżatt fil-mument meta l-marmalja tasal fl-għassa biex titlob "ġustizzja", f'dak li jidher li huwa tentattiv krudili biex hija ċċedi). Quddiem dawn l-isfidi kollha, hija żżomm sod, tirreżisti, u fl-aħħar nett tiskopri lilha nnifisha bħala l-"lupu" iktar milli n-"nagħġa". Finalment hija tinħeles, mhux mirbuħa, u kompletament sidt id-destin tagħha.





© Virginie Saint Martin

## U KIEKU ALLA KIEN MARA?

Fost l-alleati ta' Petrunya nsibu lill-ġurnalista li tirrapporta dwar il-kwistjoni mill-perspettiva tal-patrijarkat u d-dominazzjoni maskili. B'hekk, hija tintervista waħda mill-ħbieb ta' Petrunya, li tiddefendi lit-tfajla u tistaqsi "U kieku Alla kien mara?" Din l-idea, li tintuża fit-titlu tal-film, tikkontesta d-dominazzjoni tal-irġiel fis-soċjetà, anki jekk fil-film, ftit huma dawk il-karattri li jistgħu jitqiesu bħala reliġjużi. Meta l-Kap tal-Pulizija jistaqsi lil Petrunya jekk hijiex reliġjuża, hija tirrifjuta li twieġeb u targumenta li l-mistoqsija hija irrilevanti peress li tqis li r-reliġjon, bħas-sesswalità, hija kwistjoni privata. Lanqas il-ġenituri ta' Petrunya mhuma reliġjużi (ħlief meta jkun hemm xi festa), il-ġuvintur bilkemm juru rispett lejn il-purċissjoni li jieħdu sehem fiha, il-Kap tal-Pulizija jgħid li hu ma jemminx f'Alla, u l-persuni li l-ġurnalista tintervistahom ma jimpurtahom xejn mir-reliġjon jew mill-iskandlu li kkawżat Petrunya.

Madankollu, l-eġemonija maskili għadha forza qawwija ħafna fis-soċjetà, speċjalment fil-konfront tal-preġudizzji li għandhom rwol ewlieni fit-tiswir tar-relazzjonijiet bejn il-persuni. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-protagonisti ewlenin ta' din l-istorja abbażi tal-ġeneru tagħhom, naraw biċ-ċar li l-poter u l-awtorità jinsabu f'idejn l-irġiel: il-Pulizija għandhom it-tnejn, il-qassisin l-awtorità, filwaqt li l-ġuvintur għandhom is-saħħa u l-vjolenza. Dawn it-tliet gruppi huma magħquda flimkien fix-xewqa tagħhom li jġiegħlu lil mara li rreżistiethom tissottometti għar-rieda tagħhom. Madankollu, Petrunya tista' sserraħ fuq l-appoġġ ta' Darko (li jiddispjaċih li jaħdem ma' kollegi b'livell daqstant baxx ta' intelliġenza) u ta' missierha, żewġ persuni indipendenti li m'għandhom l-ebda poter personali. Filwaqt li Petrunya tipprova tasserixxi d-drittijiet tagħha biex tiffaċċja l-avversità maskili, il-ġurnalista ma tirċievi l-ebda appoġġ mill-kapijiet tagħha (li eventwalment saħansitra jneħħulha l-cameraman), u lanqas minn missier bintha li "jinsa" jmur jiġbor lit-tifla tagħhom meta hija tkun fuq xogħol 'il bogħod mid-dar. Fir-rigward ta' Blagica u omm Petrunya, jista' jkun li lanqas huma konxji minn kemm hija inġusta l-eġemonija maskili, u jaġixxu bħallikieku ma għandhomx saħħa jirreżistuha u jħossu li jkun aħjar għalihom li jikkooperaw. F'dan

il-kuntest, is-sekwenza ta' xeni fissi ta' nisa, bħal ritratti, tista' titqies bħala xi forma ta' talba: għalfejn dawn in-nisa (Petrunya, ommha, Blagica, il-ġurnalista, u persuna anonima li tidher tpejjep sigarett) ma jistgħux jiksbu pożizzjoni soċjali bħall-irġiel?

B'hekk, bit-titlu komikament "provokanti", il-film jazzarda jiddikjara li r-reliġjon (b'mod partikolari t-tliet reliġjonijiet monoteistiċi) mhi xejn ħlief pretest li jseddaq id-dominazzjoni maskili.

## XI PUNTI GĦAD-DISKUSSJONI

- Kif tinterpreta x-xena tal-ftuħ tal-film, li turi lil Petrunya wieqfa u waħedha f'pixxina battala b'mużika heavy metal fl-isfond?
- Taħseb li Petrunya kienet taqbeż fix-xmara kieku ngħatat xogħol fil-ħanut tal-ħjata? Taħseb illi ċ-ċirkostanzi tagħha kienu fattur fil-ġest viżibbilment "istintiv"?
- Ix-xitan jidher f'numru ta' pitturi reliġjużi li jintwerew fil-bidu tal-film. Meta l-ġuvintur irrabjati jmorru l-għassa tal-Pulizija, il-kap tagħhom jgħid "din il-mara hija Luċifru", b'referenza għal Petrunya. Dari kienu jemmnu li s-sħaħar kien ikollhom x'jaqsmu max-xitan. Sa liema punt nistgħu naraw lil Petrunya bħala tip ta' saħħara ta' żminijietna?

les grignoux












**DIRETTUR:** Teona Strugar Mitevska
**SKRITT:** Elma Tataragic, Teona Strugar Mitevska
**KAST:** Zorica Nusheva, Labina Mitevska, Simeon Moni Damevski, Suad Begovski, Stefan Vujisic, Violeta Shapkovska, Xhevdet Jashari
**ĊINEMATOGRAFIJA:** Virginie Saint Martin
**PRODUTTURI**: Labina Mitevska (Sisters and Brother Mitevski)
**KOPRODUZZJONI**: Sebastien Delloye (Entre Chien et Loup), Danijel Hočevar (Vertigo), Zdenka Gold (Spiritus Movens), Marie Dubas (Deuxième Ligne Films), Elie Meirovitz (EZ films)
**SENA:** 2019
**TUL:** 100 minuta
**ĠENERU:** Finzjoni/Drama
**PAJJIŻI:** Il-Maċedonja ta' Fuq, il-Belġju, is-Slovenja, Franza, il-Kroazja
**VERŻJONI ORIĠINALI:** Maċedonjana

# LUX FILM DAYS

3 SNIN
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

# THE REALM ([1])

## *El Reino*

ta' Rodrigo Sorogoyen

Spanja, Franza

Manuel López Vidal huwa stilla li qed tibbrilla fil-politika. Raġel awdaċi u deċiżiv, jidher li jinsab lest biex jiret il-mantell ta' potentat reġjonali, iżda meta toħroġ l-aħbar ta' skandlu ta' korruzzjoni li fih huwa implikat, it-trajettorja 'l fuq tiegħu tintemm ħesrem. Hekk kif ir-rivelazzjonijiet jitkattru, il-partit ta' Manuel (li qatt ma jissemma jew jingħata referenza fuq l-ispettru politiku) jibda jaħdem biex jixħet 'il barra l-persuni korrotti. Manuel jispiċċa dahru mal-ħajt: wara li jistenna tal-anqas l-appoġġ taċitu mill-kollegi tal-partit tiegħu, minflok, isib lilu nnifsu iżolat u jipprova jipproteġi lilu nnifsu billi jhedded li jikxef il-firxa kompleta tal-korruzzjoni li fih qed jegħreq il-partit.

*The Realm* huwa thriller politiku, dimostrazzjoni ta' kif il-korruzzjoni qed tħassar id-dinja tal-politika. Jikxef il-livelli ta' korruzzjoni differenti biex juri kif jikber it-tħassir, kważi b'mod normali, fost l-irġiel u n-nisa li jkunu konvinti li ċerti tipi ta' mġiba huma għalkollox normali. Antonio de la Torre huwa eċċellenti fir-rwol ta' raġel iddisprat li huwa determinat li ma jħallasx il-prezz tal-vanità tiegħu stess.

([1]) *The Candidate* fl-Irlanda, Malta u r-Renju Unit


© Julio Vergne

## IL-ĦILA TAD-DIRETTUR

Mhuwiex diffiċli li wieħed jidentifika l-ispirazzjoni għal *The Realm* fis-sensiela ta' skandli li ċappsu l-politika f'dawn l-aħħar snin.Madankollu, il-film ma għandux l-għan li jirrakkonta xi storja oskura speċifika, iżda huwa pjuttost xogħol ta' finzjoni li għandu messaġġ usa' xi jwassal. B'mod sinifikanti, l-istorja ssegwi karattru wieħed, Manuel, li jidher biċ-ċar li huwa biss ħuta żgħira f'dan l-iskandlu. Għalkemm huwa raġel li qiegħed javvanza fil-ħajja, madankollu huwa biss parti żgħira minn sistema kbira ħafna li fuqha m'għandux kontroll. U huwa l-fatt li hu jispiċċa abbandunat mill-partit tiegħu stess li jwassal biex tiskatta fih ir-reazzjoni għal xewqa ta' vendetta li bil-mod il-mod tispiċċa tikkonsmah. Huwa determinat li ma jkunx hu biss li jeħel għall-ħtijiet tal-oħrajn.

Kważi b'mod insidjuż, l-ispettatur jibda jempatizza mal-karattru, u dik l-empatija tkompli tiżviluppa. Iva, Manuel huwa sinjur, ambizzjuż, arroganti u korrott, iżda aħna naraw ukoll it-trasformazzjoni gradwali tiegħu f'karattru li jispiċċa bħal far maqbud f'rokna. U naturalment, f'termini ta' korruzzjoni, huwa mhuwiex l-agħar delinkwenti. Insiru nafu wkoll dwar skandlu ieħor — il-każ "Persika" — każ ħafna ikbar mill-kwistjoni li fiha huwa implikat Manuel, u li jinvolvi persuni li wħud minnhom jinsabu f'karigi għoljin ħafna. Tabilħaqq, din hija l-linja ta' difiża ta' Manuel, kemm politikament kif ukoll moralment (jew immoralment): jekk kulħadd huwa korrott, għaliex għandi nkun jien l-uniku wieħed li neħel?

U, f'ċertu sens, id-direttur jagħmel mezz li aħna wkoll nesperjenzaw il-waqgħa ta' Manwel. Bħala spettaturi aħna ħerqana naraw li l-iskandlu jiġi żvelat kollu, u l-identifikazzjoni tagħna mal-karattru titrawwem b'firxa ta' tekniki ċinematografiċi. B'mod partikolari, permezz tal-pass ritmiku viżiv li jkaxkarna miegħu, għax Manuel qatt ma jieqaf jiċċaqlaq. Insegwuh f'moviment kontinwu, kemm jekk bil-mixi (u spiss bil-ġiri) jew f'vetturi — meta jitlef il-karozza tiegħu misjuqa mix-xufier jibda jirkeb it-taxis — narawh jaqsam Spanja minn tarf għall-ieħor, u f'sekwenza memorabbli minnhom, anke f'Andorra. Ir-ritmu techno tal-mużika ta' Olivier Arson isaħħaħ it-tensjoni f'mumenti kritiċi, bħallikieku qegħdin nisimgħu bil-moħbi t-taħbit dejjem iktar mgħaġġel ta' qalb Manuel.

*The Realm* jinkludi wkoll bosta karattri tipiċi tal-ġeneru thriller, kif ukoll referenzi ċari għal xeni famużi f'xogħlijiet ċinematografiċi oħra. Pereżempju, il-fanatiċi taċ-ċinema żgur li jirrikonoxxu s-sekwenza fejn Manuel, li jgħaddi direttament mill-bajja għal ġo restorant, jgħaddi mill-kċina, jaqbad platt bi frott tal-baħar u jieħdu miegħu biex jingħaqad ma' ħbiebu fuq il-mejda tagħhom, xena li tfakkarna f'xena simili fil-kċina fil-film *Goodfellas* ta' Martin Scorsese. Madankollu, fl-użu ta' dawn ir-referenzi tekniċi komuni għat-thrillers, Sorogoyen spiss għandu ħabta jmur kontra l-istennijiet tal-ispettatur. Pereżempju, fix-xena tal-ftuħ, Manuel jidher li għandu fluwidità fiżika eċċezzjonali iżda mbagħad, hekk kif tiżvolġi l-istorja u jiġi żvelat l-iskandlu, ripetutament narawh jitfixkel u jitgerbeb f'xi ostaklu. Priġunier ta' forzi li jmorru lil hinn mill-kontroll tiegħu, huwa jipprova jerġa' jikseb l-inizjattiva, iżda l-isforzi tiegħu jfallu kollha, ftit jew wisq b'mod miżeru.






© Julio Vergne


© Julio Vergne

Madankollu, ir-ritmu tal-azzjoni jkompli jinbena, u flimkien miegħu anki t-tensjoni, sakemm nispiċċaw konvinti li — ħlief għal xi tibdil spettakolari fl-istorja fil-minuti finali — Manuel fl-aħħar se jirnexxilu jikxef il-firxa sħiħa tal-involviment tal-partit tiegħu fl-iskandli finanzjarji fuq it-TV. Madankollu, għal darb' oħra, Sorogoyen iqarraq kemm lill-karattru tiegħu kif ukoll lill-udjenza. F'din ix-xena finali ma nsiru nafu l-ebda sigriet, iżda l-preżentatriċi tat-televiżjoni tagħtina lezzjoni ta' moralità politika. F'ċertu sens, il-format thriller qarraq bina sa mill-bidu, u f'daqqa waħda nsibu ruħna ffaċċjati bil-mistoqsijiet l-iktar profondi tad-direttur. Korruzzjoni fuq din l-iskala kfi kienet possibbli? Manuel kif seta' jaġixxi b'mod daqstant immorali?

## TAGĦLIMA TA' MORALITÀ POLITIKA

Għalhekk ma ningħatawx xi kjarifika finali dettaljata. U huwa hawnhekk fejn insibu l-muftieħ għall-għażla ta' Sorogoyen, li ddeċieda li jippreżenta lil *The Realm* iktar bħala xogħol ta' finzjoni milli bħala dokumentarju — b'messaġġ iktar universali minn dak ta' dokumentarju.

Dettall sinifikanti u sorprendenti ta' xogħolijiet ta' finzjoni huwa li ħafna mill-ispettaturi aktarx li ma jiftakrux l-ismijiet tal-karattri differenti fl-istorja. F'dan il-każ, huwa ovvju li se niftakru lil Manuel bħala l-karattru ċentrali, u probabbilment se niftakru wkoll l-isem ta' Paco, li spiss jissemma, iżda, anki waqt li nkunu qed insegwu l-istorja, malajr ninsew il-parti l-kbira tal-ismijiet tal-karattri l-oħra. Dan huwa pjuttost differenti mill-mod li bih naraw rapporti tal-aħbarijiet dwar l-iskandli ta' korruzzjoni, fejn dawk involuti jiġu identifikati b'mod preċiż u b'mod ripetut. *The Realm* jieħu approċċ iktar indirett u alluživ għas-suġġett u aħna ma għandniex bżonn li nkunu nafu eżattament l-isem ta' kull karattru, jew li nsegwu kull dettall oskur tan-negozji li jsiru. Huwa l-pass tat-thriller, iktar milli d-dettall tal-avvenimenti, li huwa importanti.

Allura kif nistgħu nifhmu l-istorja li l-film jirrakkontalna? Nirrikonoxxu l-karattri mill-apparenza fiżika tagħhom, speċjalment mill-fattizzi ta' wiċċhom, u ħafna drabi dan jiġri anki f'każijiet meta l-fatt li jkun hemm karattri li jidhru biss għal ftit jagħmel il-kompitu iktar diffiċli. Fl-istess ħin, il-komunikazzjoni verbali bejn il-karattri tippermettilna nagħrfuhom u nifhmu r-rwoli rispettivi tagħhom. L-ismijiet tal-karattri mhumiex importanti għalina: tgħodd biss il-funzjoni tagħhom fl-istorja li qed tiżviluppa. U ovvjament neħtieġu għarfien bażiku ta' kif taħdem is-soċjetà sabiex nifhmu dawn ir-rwoli distinti.

Il-film juri politiċi korrotti, iżda jagħmel distinzjoni, fi stadju bikri, bejn żewġ livelli ta' poter, dak lokali u dak nazzjonali. Filwaqt li fil-bidu jidher li huma biss il-politiċi lokali li huma involuti fil-korruzzjoni u li t-tmexxija nazzjonali għandha l-ħsieb li tneħħi t-tħassir mill-partit, malajr nirrealizzaw li l-korruzzjoni hija mifruxa sew f'kull livell. Hemm tal-inqas figura waħda fil-partit li żżomm xi tip ta' pretensjoni ta' integrità, anki jekk Manuel

jirnexxilu jorganizza laqgħa privata ma' din il-persuna. Dan huwa Alvarado, raġel twil u rqiq li dwaru d-direttur iħalli dubju: anki hu se jispiċċa jaqa' għall-korruzzjoni? Hawnhekk il-film ma joffri l-ebda tweġiba u nibqgħu fid-dubju dwar kemm infirex it-taħsir, u speċjalment, kemm il-korruzzjoni tista' teżerċita qawwa fuq l-irġiel u n-nisa li għandhom il-poter bħala l-unika għan tagħhom. U hemm mistoqsija oħra li tibqa' bla tweġiba: x'lesti jagħmlu dawn l-irġiel u n-nisa biex ma jinqabdux?

Jintwera wkoll grupp ieħor, dawk li jikkorrompu — f'dan il-każ l-iżviluppaturi tal-proprjetà. Dawn iridu jibnu fuq siti li inizjalment huma allokati għall-użu agrikolu iżda li huma ideali għall-finijiet tagħhom, u li mbagħad jiġu riallokati b'mod mhux xieraq għall-iżvilupp. Dawn l-intraprendituri huma murija bħala grupp minuri fl-ordni tal-poter: ovvjament, wieħed jista' jgħid li l-film jenfasizza b'mod ċar il-punt li l-ġid fih innifsu ma jagħtix poter. Il-politiċi huma dawk li jeżerċitaw il-poter reali.

Flimkien ma' dawn iż-żewġ gruppi, fi stadju bikri tal-film niltaqgħu wkoll mat-tielet forza, jiġifieri l-istampa. Għall-bidu r-rwol tal-istampa mhuwiex ċar, għaliex il-ġurnalista li magħha Manuel jiltaqa' ta' spiss, u li tispiċċa sservi ta' kuntatt utli fil-midja, jidher li għandha rabtiet mill-qrib mal-politiċi korrotti. Meta jfaqqas l-iskandlu, Manuel jiġi mwissi minn ġurnalist li jkun jaf dwar l-involviment tiegħu u huwa jmur dritt għand l-editur tal-gazzetta lokali bil-għan li joqtol l-aħbar qabel ma toħroġ, jew tal-inqas jipposponi l-pubblikazzjoni ta' iktar rivelazzjonijiet. Iżda jkun tard wisq: ir-rivelazzjonijiet jieħdu spinta qawwija u ma jistgħux jitrażżnu.

Għalhekk nosservaw li — lil hinn mill-ġeneralizzazzjonijiet, ħfief dwar kif "il-poter jipproteġi l-poter" — l-istampa u l-midja l-oħra jikkostitwixxu r-"raba' poter" indipendenti, u għandhom rwol ta' kontrapiż. U s-sistema ġudizzjarja, naturalment, tintervjeni b'mod deċiżiv, biex iżżomm l-istruttura korrotta responsabbli.




© Julio Vergne

Il-protagonista bl-aħħar kelma f'din l-istorja hija Amaia — il-ġurnalista li tirrifjuta li ssegwi l-iskritt ta' Manuel biex jiġi żvelat l-iskandlu li se jġib għajb fuq il-partit kollu. Huwa hawnhekk, fil-finale, li l-messaġġ ewlieni ta' *The Realm* joħroġ bl-iktar mod ċar. Ir-reġista ma jridx jirrakkuntalna storja speċifika ta' korruzzjoni: iridna nikkunsidraw kwistjonijiet ta' etika dwar il-fenomenu tal-korruzzjoni. Manuel, fuq livell uman individwali, kif irnexxielu jaqdi l-funzjoni tiegħu f'din is-sistema għal kważi 15-il sena? Kif iġġustifika lilu nnifsu u lill-familja tiegħu l-fatt li huwa approfitta ruħu minn "flus maħmuġa".

## FINZJONI U REALTÀ

M'għandniex bżonn nifhmu t-tentufiet kollha tal-intriċċi ta' *The Realm*, għaliex din hija finzjoni viżiva u taħdem b'mod differenti, billi toħloq atmosfera iktar ġenerali u mifruxa ta' konġura, segretezza u manuvrar. Din hija atmosfera li tista' tikkontribwixxi għal mentalità ta' konġura jew tipprovoka r-rifjut tal-politiċi b'mod ġenerali fuq il-bażi li huma kollha korrotti.

Iżda dan mhuwiex il-messaġġ ta' *The Realm*: xejn minn dan. Aħna kostretti li naraw id-dinja mil-lenti ta' Manuel, mill-perspettiva ta' politiku lokali li jqatta' ħinu fil-kumpanija ta' oħrajn bħalu, nies korrotti jew li jfittxu li jiġu korrotti, u li jispiċċa jara l-prattiki korrotti bħala suriet ta' mġiba normali u mifruxa li ma jeħtieġu l-ebda forma ta' spjegazzjoni.

### XI PUNTI GĦAD-DISKUSSJONI

- Huwa interessanti li l-ispettaturi jaqsmu ma' xulxin l-impressjonijiet tagħhom tal-film, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-aspetti tal-istorja li jistgħu ma jkunux ċari jew li jistgħu jwasslu għal interpretazzjonijiet differenti. X'inhu l-ħsieb wara l-approċċ indirett meħud f'*The Realm*?
- Min hu l-iktar responsabbli għall-korruzzjoni sistematika murija fil-film? In-negozjanti? Il-politiċi? U, jekk tal-aħħar, dawk fil-livell lokali jew dawk fil-livell nazzjonali? Jew hemm partijiet ħatja oħra?
- X'inhu speċifikament li l-ġurnalista Amaia qed tipprova tgħid fix-xena finali? Effettivament x'qed titlob minn Manuel? U aħna, għandna niddubitaw l-integrità tagħha?

les grignoux












**DIRETTUR:** Rodrigo Sorogoyen
**SKRITT:** Isabel Peña, Rodrigo Sorogoyen
**KAST:** Antonio De La Torre, Mónica López, José María Pou, Nacho Fresneda, Ana Wagener, Bárbara Lennie, Luis Zahera, Francisco Reyes, María De Nati, Paco Revilla, Sonia Almarcha, David Lorente, Andrés Lima, Oscar De La Fuente
**ĊINEMATOGRAFIJA:** Alex de Pablo
**PRODUTTURI:** Gerardo Herrero (Tornasol), Mikel Lejarza (AtresmediaCine), Mercedes Gamero (AtresmediaCine)
**KOPRODUTTURI:** Jean Labadie (Le Pacte), Anne-Laure Labadie (Le Pacte),
Stephane Sorlat (Mondex & Cie)
**PRODUZZJONI:** Tornasol (Spain), TRIANERA PC AIE (Spain), Atresmedia Cine (Spain)
B'kollaborazzjoni ma': Le Pacte (Franza), Mondex & Cie (Franza), Bowfinger (Spanja)
**SENA:** 2018
**TUL:** 122 minuta
**ĠENERU:** Finzjoni, thriller
**PAJJIŻI:** Spanja, Franza
**VERŻJONI ORIĠINALI:** Spanjola
**DISTRIBUZZJONI:** Signature Entertainment

# ĠURIJA 2019

**Jürgen BIESINGER**
Il-Ġermanja: Produttur tal-Premji tal-Akkademja Ċinematografika Ewropea

**Peter BOGNAR**
l-Ungerija: Distributur, Programmatur tal-Festival

**Mihai Cristian CHIRILOV**
ir-Rumanija: Kritiku tal-Films u Direttur Artistiku tal-Festival Internazzjonali taċ-Ċinema tat-Transilvanja

**Ditte DAGBJERG CHRISTENSEN**
id-Danimarka: Direttur Maniġerjali u Kap tad-Distribuzzjoni ta' Øst for Paradis Cinema

**Jose Luis CIENFUEGOS**
Spanja: Direttur tal-Festival taċ-Ċinema Ewropew ta' Sivilja

**Juliette DURET**
il-Belġju: Kap Ċinematografiku, BOZAR

**Jakub DUSZYNSKI**
il-Polonja: Distributur, GUTEK Film

**Benedikt ERLINGSSON**
L-Iżlanda: Direttur u Produttur ta' WOMAN AT WAR, Rebbieħ LUX 2018

**Giorgio GOSETTI**
l-Italja: Direttur Artistiku tal-Giornate degli Autori

**Mathilde HENROT**
Franza: Fundatur tal-Festival Scope

**Mathias HOLTZ**
l-Iżvezja: Folkets Hus och Parke, Esibutur Ċinematografiku, Maniġer tal-Ipprogrammar

**Yorgos KRASSAKOPOULOS**
Il-Greċja: Programmatur tal-Festival Internazzjonali taċ-Ċinema ta' Thessaloniki, Kritiku Ċinematografiku

**Christophe LEPARC**
Franza: Segretarju Ġenerali ta' Director's Fortnight , il-Festival tal-Films ta' Cannes

**Selma MEHADZIC**
il-Kroazja: Programmatur tal-Festival taċ-Ċinema ta' Zagreb

**Susan NEWMAN-BAUDAIS**
Eurimages

**Nikolaj NIKITIN**
il-Ġermanja: Festival Ċinematografiku ta' Berlin (Ewropa Ċentrali/tat-Tramuntana/tal-Lvant, l-Asja Ċentrali u l-Kawkasu), Direttur, SOFA (Skola tal-Aġenti tal-Films), Direttur Artistiku tal-Febiofest (iċ-Ċekja)

**Karel OCH**
Iċ-Ċekja: Kritiku tal-Films u Direttur Artistiku tal-Festival Internazzjonali taċ-Ċinema Karlovy Vary

**Tina POGLAJEN**
is-Slovenja: Bord tal-Festival Internazzjonali tal-Films ta' Ljubljana, kritiku ċinematografiku indipendenti

**Mira STALEVA**
il-Bulgarija: Viċi Direttur, Festival taċ-Ċinema Internazzjonali ta' Sofija

**Mante VALIŪNAITĖ**
il-Litwanja: Programmatur tal-Festival taċ-Ċinema ta' Vilnius

## OSSERVATUR

**Lauriane BERTRAND**
Il-Kummissjoni Ewropea, Ewropa Kreattiva

# FILMOGRAFIJA TAL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2018-2007

**2018**
**KONA FER Í STRÍÐ**
DRUGA STRANA SVEGA
STYX
DONBASS
EL SILENCIO DE LOS OTROS
GIRL
GRÄNS
LAZZARO FELICE
TWARZ
UTØYA 22. JULI

**2017**
**SAMEBLOD**
120 BATTEMENTS PAR MINUTE
WESTERN
A CIAMBRA
ESTIU 1993
HJARTASTEINN
KING OF THE BELGIANS
OSTATNIA RODZINA
SLAVA
TOIVON TUOLLA PUOLEN

**2016**
**TONI ERDMANN**
À PEINE J'OUVRE LES YEUX
MA VIE DE COURGETTE
A SYRIAN LOVE STORY
CARTAS DA GUERRA
KRIGEN
L'AVENIR
LA PAZZA GIOIA
SIERANEVADA
SUNTAN

**2015**
**MUSTANG**
MEDITERRANEA
UROK
45 YEARS
A PERFECT DAY
HRÚTAR
LA LOI DU MARCHÉ
SAUL FIA
TOTO SI SURORILE LUI
ZVIZDAN

**2014**
**IDA**
BANDE DE FILLES
RAZREDNI SOVRAŽNIK
FEHÉR ISTEN
HERMOSA JUVENTUD
KREUZWEG
LE MERAVIGLIE
MACONDO
TURIST
XENIA

**2013**
**THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN**
MIELE
THE SELFISH GIANT
ÄTA SOVA DÖ
GRZELI NATELI DGEEBI
KRUGOVI
OH BOY!
LA GRANDE BELLEZZA
LA PLAGA
PEVNOST

**2012**
**IO SONO LI**
CSAK A SZÉL
TABU
À PERDRE LA RAISON
BARBARA
CESARE DEVE MORIRE
CRULIC – DRUMUL SPRE DINCOLO
DJECA
L'ENFANT D'"EN HAUT
LOUISE WIMMER

**2011**
**LES NEIGES DU KILIMANDJARO**
ATTENBERG
PLAY
A TORINÓI LÓ
ESSENTIAL KILLING
HABEMUS PAPAM
LE HAVRE
MISTÉRIOS DE LISBOA
MORGEN
PINA

**2010**
**DIE FREMDE**
AKADIMIA PLATONOS
ILLÉGAL
BIBLIOTHÈQUE PASCAL
INDIGÈNE D'EURASIE
IO SONO L'AMORE
LA BOCCA DEL LUPO
LOURDES
MEDALIA DE ONOARE
R

**2009**
**WELCOME**
EASTERN PLAYS
STURM
35 RHUMS
ANDER
EIN AUGENBLICK FREIHEIT
KATALIN VARGA
LOST PERSONS AREA
NORD
PANDORA'NIN KUTUSU

**2008**
**LE SILENCE DE LORNA**
DELTA
OBČAN HAVEL
IL RESTO DELLA NOTTE
REVANCHE
SÜGISBALL
SVETAT E GOLYAM I SPASENIE DEBNE OTVSYAKADE
SZTUCZKI
TO VERDENER
WOLKE 9

**2007**
**AUF DER ANDEREN SEITE**
4 LUNI, 3 SAPTAMINI SI 2 ZILE
BELLE TOUJOURS
CALIFORNIA DREAMIN' [NESFARSIT]
DAS FRÄULEIN
EXILE FAMILY MOVIE
IMPORT/EXPORT
ISZKA UTAZÁSA
PLOSHCHA
KURZ DAVOR IST ES PASSIERT

# LUX FILM DAYS



SOTTOTITOLAR TAL-FILMS
B’24 LINGWA TAL-UE